



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' April 2023
(OR. en)

8406/23

AGRI 199
AGRISTR 26
RECH 147

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tal-bijoeconomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tal-bijoeconomija fid-dawl tal-isfidi attwali b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali, approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' April 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-opportunitajiet tal-bijoekonomija fid-dawl tal-isfidi attwali
b'enfasi speċjali fuq iż-żoni rurali**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

FILWAQT LI JFAKKAR:

- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija aġġornata dwar il-Bijoekonomija tad-29 ta' Novembru 2019;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Mill-Għalqa sal-Platt;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030;
- Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Ekonomija Blu Sostenibbli;

FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

- Il-Patt Ekoloġiku Ewropew;
- L-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;
- L-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030;
- L-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030;
- L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030;
- Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari;
- Il-Politika Agrikola Komuni u l-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri;
- L-għanijiet "Lesti għall-mira ta' 55 %" u "REPower EU";
- Ir-rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040;
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti;
- L-impenji internazzjonali tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ, il-protezzjoni ambjentali u l-adattament għall-klima u l-mitigazzjoni tagħha;

- Ir-riżultati tal-konferenza ta' livell għoli "The Bioeconomy - Enabling the European Green Deal in Challenging Times" (Il-Bioekonomija - Inwettqu l-Patt Ekoloġiku Ewropew fi Żminijiet Diffiċli) li saret fis-6 u s-7 ta' Ottubru 2022 fi Brussell;
- Ir-riżultati tal-konferenza "Living in the Bioeconomy" (Ngħixu fil-Bioekonomija) organizzata mill-Presidenza Żvediża fis-27 u t-28 ta' Frar 2023 fi Stokkolma;

JENFASIZZA

Ir-rwol importanti tal-bioekonomija sostenibbli u ċirkolari fl-indirizzar tal-isfidi attwali, b'mod partikolari b'rabta mal-klima, il-bijodiversità, l-enerġija u s-sigurtà tal-ikel, u l-importanza tagħha għall-ekonomija tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-provvediment ta' prodotti essenzjali, iż-żieda fil-kompetittività, id-diversifikazzjoni tal-introjtu, u l-ħolqien ta' impjiegi fiż-żoni rurali u kostali, filwaqt li tikkontribwixxi għall-ispinta tal-Unjoni lejn tranżizzjoni ekoloġika u reżiljenza akbar, fil-qafas ta' approċċ olistiku u trażversali li jiżgura koerenza bejn l-oqsma tal-politika.

1. JENFASIZZA r-rwol tal-bioekonomija għar-reżiljenza tal-UE u biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali, filwaqt li jqis b'mod partikolari li l-prodotti b'bażi bijoloġika, meta jiġu fornuti u prodotti b'mod sostenibbli, jistgħu jikkontribwixxu għal aktar reżiljenza u kapaċità ta' awtosuffiċjenza. JIRRIKONOXXI li kemm l-isfida klimatika kif ukoll il-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna komplew juru l-ħtieġa li tissaħħaħ it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u rinnovabbli, materjali mhux fossili sostenibbli, u sistemi tal-ikel sostenibbli, reżiljenti u ġusti.
2. JAGĦRAF li l-bioekonomija, li tibni fuq bijomassa u materjali residwi prodotti b'mod sostenibbli, hija kemm faċilitatur tat-tranżizzjoni ekoloġika u ġusta kif ukoll ir-riżultat tagħha, filwaqt li tikkontribwixxi għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli billi tqis bl-istess mod id-dimensjoni ambjentali, soċjali u ekonomika tas-sostenibbiltà. JENFASIZZA r-rwol ċentrali ta' bioekonomija sostenibbli u ċirkolari għall-klima u l-ambjent, u biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-istrateġiji tiegħu.

3. JISĦAQ li l-bijoeconomija hija kunċett transsettorjali u olistiku li jista' jibbilanċja t-tliet dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà; u JENFASIZZA li l-bijoeconomija ssaħħa l-ekonomija ċirkolari u tinteraġixxi magħha permezz ta' riżorsi rinnovabbli u l-użu effiċjenti fir-riżorsi ta' flussi sekondarji b'bażi bijoloġika mill-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-forestrija, is-sajd, l-akkwakultura u l-ilma, u minn flussi ta' skart organiku inkluż mill-unitajiet domestiċi. JISĦAQ li s-setturi tal-bijoeconomija spiss ikunu interkonnessi u dan jikkontribwixxi għas-sinerġiji u t-twessigħ u t-tisħiħ tar-relazzjoni bejn dawn is-setturi. JAGĦRAF li l-bijoeconomija tiddependi ħafna minn ekosistemi b'saħħithom u reżiljenti, u li s-sinerġiji bejn il-bijoeconomija u l-bijodiversità għandhom jiġu promossi fl-iżvilupp u t-twettiq ta' bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari.
4. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija u l-iżvilupp pożittiv ġenerali li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali u reġjonali dwar il-bijoeconomija u l-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati, negozji ġodda u riċerka u innovazzjoni fl-industriji b'bażi bijoloġika. JAQBEL li l-effetti tal-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux ġustifikata u mhux provokata tar-Russja kontra l-Ukrajna, eż. fuq is-sigurtà tal-ikel u tal-enerġija, iridu jitqiesu fl-implimentazzjoni futura tal-Pjan ta' Azzjoni; u li Strateġija b'saħħitha tal-UE dwar il-Bijoeconomija li tiffoka fuq it-tliet dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà tista' tikkontribwixxi biex jinkisbu l-għanijiet deskritti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. JINNOTA wkoll li r-rapport jissottolinja l-hteġa li jiġu indirizzati u solvuti għadd ta' sorsi ta' pressjoni fuq l-art u l-baħar, kif ukoll li jiġu żgurati xejriet ta' konsum aktar sostenibbli.
5. JENFASIZZA r-rwol tal-bijoeconomija għal żoni rurali vibranti, għall-mobilizzazzjoni tal-produtturi primarji fl-azzjoni klimatika u fit-tranżizzjoni ekoloġika, u għall-ħolqien u ż-żamma ta' impjiegi, it-tkabbir, u l-opportunitajiet indaqs madwar l-UE kollha u r-reġjuni tagħha. JISĦAQ FUQ l-importanza ta' soluzzjonijiet sostenibbli fiż-żoni rurali u li jiġi żgurat introjtu msaħħa u diversifikat fis-setturi tal-bijoeconomija għall-produtturi primarji, is-sidien tal-art, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u atturi rurali oħrajn, inkluż permezz ta' ktajjen ta' valur miżjud u mudelli ta' negozju ġodda li fihom jiġu integrati bis-sħiħ dawn il-produtturi.

6. JAGĦRAF l-importanza tal-bijoekonomija biex l-innovazzjoni titwassal fiż-żoni rurali u r-rwol tal-użu tal-istrumenti ta' finanzjament attwalment disponibbli, b'mod komplementari, fosthom il-Politika Agrikola Komuni, Orizzont Ewropa, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, il-Fond Ewropew għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond ta' Koeżjoni, LIFE, il-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. JAGĦRAF l-importanza ta' inizjattivi bħall-irħula intelliġenti, is-sħubija Ewropea għall-innovazzjoni għall-produttività u s-sostenibbiltà agrikoli (EIP-AGRI), u l-kunċett il-ġdid ta' rħula għal negozji ġodda.
7. JAGĦRAF ir-rwol tal-bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari għall-valorizzazzjoni tar-riżorsi disponibbli lokalment u reġjonalment permezz tal-iżvilupp ta' ktajjen ta' valur miżjud ġodda transettorjali u interkonnessi sostenibbli u soċjalment ġusti. F'dan ir-rigward, JISĦAQ FUQ l-importanza tar-rikonoxximent u l-użu tal-ispeċifità reġjonali u lokali, inkluż l-ispeċifità ta' ekonomiji żgħar u ġeografikament iżolati u ta' reġjuni ultraperiferiċi.
8. JIRRIKONOXXI l-valur tal-bijoekonomija għall-implimentazzjoni tal-Viżjoni fit-Tul tal-UE għaż-Żoni Rurali u l-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE, kif ukoll l-importanza tal-bijoekonomija fil-promozzjoni tal-koeżjoni fiż-żoni rurali, inkluż il-ġustizzja soċjali u t-tranżizzjoni ġusta.
9. JISĦAQ FUQ l-importanza tat-tranżizzjoni tas-sistema tal-ikel, u li jiġi esplorat aktar il-potenzjal tal-bijoekonomija, ta' metodi innovattivi u ta' prattiki oħrajn ibbażati fuq in-natura, biex jiġu pprovduti ikel u għalf tajbin għas-saħħa u nutrittivi, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawżjoni.
10. JENFASIZZA l-potenzjal ta' riżorsi b'bażi bijoloġika f'setturi bħall-industrija kimika, il-kostruzzjoni, it-tessuti u l-imballaġġ, u ta' żieda fid-domanda tas-suq għal materjali b'bażi bijoloġika fl-ekosistemi industrijali u ktajjen ta' valur usa'. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-ħżin tal-karbonju f'materjali u prodotti rinnovabbli.

11. JAGĦRAF l-importanza tal-ġestjoni innovattiva tan-nutrijenti, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, il-biedja sostenibbli bl-użu ta' fertilizzanti b'bażi bijoloġika, u l-produzzjoni sostenibbli tal-bhejjem bħall-produzzjoni tal-bhejjem ibbażata fuq iż-żona, u JENFASIZZA l-kontribut tagħhom biex jingħalaq iċ-ċirku taċ-ċikli tan-nutrijenti, li jimminimizzaw it-telf u t-tniġġis tan-nutrijenti u fl-istess ħin joffru alternattivi għan-nutrijenti bbażati fuq il-fjuwils fossili jew importati u jippromwovu sistema tal-biedja Ewropea indipendenti u vijabbli li ssaħħa is-sigurtà tal-ikel.
12. JINNOTA li l-bijoekonomija għet inkluża bħala aspett integrali ta' objettiv speċifiku fil-Politika Agrikola Komuni 2023-2027 u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tipprovdi ħarsa ġenerali u biex issegwi kif il-bijoekonomija għet indirizzata mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-Istati Membri. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tikkunsidra l-introduzzjoni tal-bijoekonomija bħala objettiv speċifiku f'politiki u strumenti oħra.
13. JENFASIZZA l-importanza li jkun hemm approċċ inklużiv fl-iżvilupp tal-bijoekonomija, u speċjalment il-ħtieġa li jiġu involuti il-produtturi primarji u ssir ħidma mill-qrib magħhom u JENFASIZZA r-rwol tal-kooperattivi tal-agrikoltura u l-foresti. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-ġenerazzjoni żagħżugħa tiġi involuta għal żvilupp b'suċċess tal-bijoekonomija.
14. JISĦAQ FUQ ir-rwol multifunzjonali tal-foresti, u r-rwol importanti tas-sidien u l-manigiers tal-foresti, il-ġestjoni sostenibbli attiva tal-foresti, u s-settur ibbażat fuq il-foresti għall-bijoekonomija. JENFASIZZA li l-produzzjoni u l-użu effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli ta' prodotti bbażati fuq il-foresti jippromwovu l-ħżin tal-karbonju u jipprovdu sostituti għar-riżorsi fossili u jikkontribwixxu għall-bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari kif ukoll objettivi oħra tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.
15. JAGĦRAF il-potenzjal tal-Bijoekonomija Blu tal-UE inkluż is-settur tal-algi għall-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni kostali u rurali, l-irkupru tar-riżorsi tal-Ibħra Ewropej u tal-ilma ħelu, u t-twassil ta' prodotti b'impronta tal-karbonju baxxa fis-suq Ewropew.

16. JISĦAQ FUQ ir-rwol tal-bijoenerġija effiċjenti fir-riżorsi u prodotta b'mod sostenibbli biex tgħin biex titnaqqas id-dipendenza fuq is-sorsi tal-enerġija fossili inkluż biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq is-sorsi fossili Russi.
17. JAGĦRAF li l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel huwa ta' importanza strateġika għall-UE. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-iskart agroalimentari għall-produzzjoni ta' riżorsi alternattivi b'bażi bijoloġika għall-applikazzjoni sostenibbli f'setturi differenti u ta' sorsi tal-ilma mhux konvenzjonali għat-tisqija. JISĦAQ li l-produzzjoni tal-bijometan mill-bijoskart u mill-flussi sekondarji b'bażi bijoloġika tnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tal-agrikoltura, tat-trasport, u ta' setturi oħra.
18. JIRRIKONOXXI r-rwol b'saħħtu tad-dimensjoni industrijali fit-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u ġusta, b'mod partikolari r-rwol tal-SMEs, l-intraprendituri u n-negozji ġodda involuti fi ktajjen tal-valur innovattivi. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-avvanzi fir-riċerka u fl-innovazzjoni jitqarrbu aktar lejn is-suq u tiġi żgurata kompetittività aħjar tal-prodotti b'bażi bijoloġika fis-suq u l-ħtieġa li jiġi żgurat allinjament imsaħħaħ tar-RŻI (riċerka, żvilupp u innovazzjoni) u l-politiki industrijali biex jappoġġaw l-għan li titħaffef it-tranżizzjoni mir-riċerka għall-produzzjoni industrijali, inkluż permezz tal-konsiderazzjoni tal-iżvilupp ta' alleanza u raggruppamenti industrijali b'rabta mal-bijoekonomija. JAGĦRAF l-importanza li l-atturi żgħar u ta' daqs medju jiġu awtonomizzati peress li spiss ma jkollhomx mezzi għar-riċerka u l-innovazzjoni u għalhekk ma jkunux jistgħu jespandu. JINNOTA li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Zero Netti tirreferi għall-iżvilupp ta' sostituti b'bażi bijoloġika.
19. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' forza tax-xogħol b'ħiliet li tippermetti l-iżvilupp tal-bijoekonomija, partikolarment fiż-żoni rurali. JILQA' B'SODISFAZZJON l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippromwovi l-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet relatati mal-bijoekonomija. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati sistemi edukattivi aċċessibbli relatati mal-bijoekonomija, inkluż taħriġ vokazzjonali.

20. JISSOTTOLINJA r-riċerka, l-innovazzjoni u l-investment bħala faċilitaturi ewlenin tat-tranżizzjoni lejn bijoekonomija sostenibbli u ċirkolari fl-UE. JAGĦRAF il-possibbiltajiet ta' diversi strumenti ta' finanzjament eżistenti tal-UE u tal-Istati Membri u l-ħtieġa li jiġu mobilizzati flussi ta' investment addizzjonali minn sorsi privati biex ikompli jiġi appoġġat l-użu ta' bijoekonomija sostenibbli. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tippromwovi l-użu ta' għodod u teknoloġiji innovattivi u tagħmilhom aċċessibbli għall-bdiewa kollha inkluż dawk li jrabbru l-bhejjem, il-bdiewa tal-akkwakultura u l-forestiera. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal applikazzjoni akbar tal-innovazzjoni fil-qafas tas-Sistema tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli (AKIS) kif ukoll ir-rwol importanti tas-sħubijiet, l-ittestjar u ambjenti pilota fil-bioekonomija.
21. JAGĦRAF l-isforzi li saru mill-Kummissjoni fit-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien għall-politiki permezz taċ-Ċentru tal-Għarfien għall-Bioekonomija u s-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bioekonomija; u JENFASIZZA r-rwol tar-riċerka u l-innovazzjoni u Orizzont Ewropa, inkluż sħubiji Ewropej ta' riċerka u innovazzjoni bħall-Impriża Konġunta Ewropa Ċirkolari b'Bażi Bijoloġika (CBE JU), Sħubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni u Strateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti fl-appoġġ għalih.
22. JAGĦRAF il-progress tal-inizjattiva BIOEAST. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu din il-kooperazzjoni u JTENNI l-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' sistemi ta' bioekonomija sostenibbli u ċirkolari fl-Istati Membri fejn il-progress huwa kajman, permezz ta' appoġġ politiku u mekkaniżmi oħrajn, inkluż permezz ta' inizjattivi simili, possibbilment bl-involvement ta' pajjiżi sħab. JIRRIKONOXXI l-valur tan-networks kollaborattivi bejn ir-reġjuni għall-iskambju ta' esperjenzi, għarfien u l-aħjar prattiki. Għandu jiġi ffaċilitat it-trasferiment tal-għarfien lejn ir-reġjuni inqas żviluppati u ż-żoni rurali. Għaldaqstant JISTIEDEN lill-Kummissjoni tanalizza kif jistgħu jiġu promossi t-trasferiment ta' għarfien u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fir-reġjuni inqas żviluppati u ż-żoni rurali, inkluż reġjuni ultraperiferiċi.

23. JAGĦRAF il-ħtieġa għal kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-bijoeconomija biex jiġu indirizzati sfidi globali komuni. JAGĦRAF ukoll l-opportunità li toffri l-bijoeconomija fil-kontribut għall-proċessi u l-impenji internazzjonali.
24. JAPPELLA lill-Istati Membri u lir-reġjuni tagħhom ikomplu jużaw bijoeconomija sostenibbli u ċirkolari b'mod olistiku u koordinat u jkomplu jaħdmu fuq il-politiki tal-bijoeconomija bħala qafas ta' abilitazzjoni biex tiġi ggwidata tranżizzjoni sostenibbli u ġusta u biex il-bijoeconomija tiġi integrata aħjar f'politiki oħrajn. JINNOTA r-riskju ta' diskrepanza emerġenti fid-disponibbiltà tal-bijomassa u JAGĦRAF ir-rwol tal-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għall-bijomassa sostenibbli. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-kooperazzjoni transfruntiera fl-iżvilupp tal-bijoeconomija.
25. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tintegra aħjar il-bijoeconomija fil-politiki kollha u tiżgura politiki koerenti u effettivi li jappoġġaw l-iżvilupp tal-bijoeconomija tul il-katina tal-valur kollha u jippermettu li jittieħed vantaġġ mis-soluzzjonijiet li tipprovdi, filwaqt li tindirizza l-ostakli regolatorji. JINNOTA l-ħtieġa ta' qafas ta' politika olistiku, koerenti, prevedibbli u fit-tul għall-adozzjoni ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika innovattivi Ewropej u għall-iżvilupp ta' bijoenerġija sostenibbli. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li l-politika Ewropea tqis l-ispeċifitàjiet reġjonali u lokali b'rabta mal-bijoeconomija u tagħmel użu minnhom.
26. JINNOTA li ġew adottati jew qed jiġu nnegożjati bħalissa diversi proposti legali fil-qafas tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li għandhom l-għan li jpoġġu lill-UE fit-triq lejn tranżizzjoni ekoloġika, bl-għan aħħari li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u li jappoġġaw it-trasformazzjoni tal-UE f'soċjetà ġusta u għanja b'economija moderna u kompetittiva.
27. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni ttejjeb il-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha biex tikkunsidra aħjar il-konsistenza fil-politika bejn l-atti legali, l-istrateġiji, u l-iżvilupp tal-bijoeconomija, il-kontribut konġunt tagħhom għall-għanijiet tal-Unjoni, u l-effett kumulattiv tagħhom fuq l-użu tal-art, il-provvista tal-materja prima u r-riżorsi tal-enerġija.

28. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tippreżenta qabel il-perjodu strateġiku li jmiss, wara valutazzjoni fil-fond tal-azzjonijiet fil-livell tal-UE, Strateġija u Pjan ta' Azzjoni aġġornati tal-UE dwar il-Bijoekonomija fuq il-bażi ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, filwaqt li tqis ir-Rapport ta' Progress dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija u l-bidliet fl-Ewropa u fid-dinja tal-madwar. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex sadanittant tirrapporta lill-Kunsill kull sena dwar l-azzjonijiet relatati tagħha.
-